MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tal-25 ta' Frar, 2005

Talba Numru. 1987/2004

**Dominic Pollacco ID No. 38755 M**

**Vs**

**Noel Vella**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' tlett mija u hamsin lira Maltin (Lm350) rapprezentanti hsarat minnu sofferti f'kollizjoni li sehhet fil-11 ta' Gunju, 2004 fil-limiti taz-Zejtun waqt li huwa kien qieghed isuq karozza DEC 024 u l-konvenut kien qieghed isuq karozza ABL 138.

Ra r-Risposta tal-konvenut li biha wiegeb li huwa ma jahtix ghall-incident anzi sahansitra jikkontendi li l-

kollizjoni sehhet b'rizultat tas-sewqan ta' l-attur u ntavola Kontro-Talba fejn talab li l-attur jigi kkundannat ihallas is-somma ta' mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250).

Ra r-Risposta ta' l-attur ghall-Kontro-Talba li biha kkontesta l-istess.

Sema' x-xhieda tal-partijiet kif ukoll ta' LW 136 Carmelo Muscat.

Ra d-dokumenti esebiti fl-atti.

Sema' t-trattazzjoni ta' Dr Louis Bianchi ghall-attur u Dr Jan-Karl Farrugia ghall-konvenut.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-konvenut kien qieghed isuq il-karozza ABL 138.  Qabel kien fi Triq tal-Barrani gej mid-direzzjoni ta' Bir id-Deheb lejn Santa Lucija, waqaf fejn it-*traffic lights* fit-Triq tal-Barrani u mbaghad meta dawn ippermettewlu huwa kiser ghal Triq San Anard li taghti minn hemm lejn Bulebel.

Huwa kien bl-intenzjoni mbaghad li fi Triq San Anard eventwalment jikser lejn ix-xellug lejn Hal Tarxien.  Huwa u jikser lejn Hal Tarxien, giet il-karozza misjuqa mill-attur u laqtitu fil-genb tax-xellug u b'hekk sehhet il-kollizjoni.

L-attur isostni li hu u l-konvenut kienu miexjin magenb xulxin, ghalkemm il-karozza tal-konvenut kienet iktar 'il barra u ftit iktar 'il quddiem minnu u li f'daqqa wahda l-konvenut kiser hesrem ghal quddiemu.  Huwa ghafas il-*brake* izda xorta wahda z-zewg karozzi habtu u baqghu jitkaxkru ma' xulxin.

It-Tribunal jidhirlu li l-kawza prossima tal-kollizjoni kienet is-sewqan ta' l-attur.  Triq San Anard minfejn kienu miexjin il-partijiet ghandha *lane* wahda f'kull direzzjoni u ghalkemm din il-*lane* hija wiesa', xorta tibqa' *lane* wahda. M'huwiex ikkontestat bejn il-partijiet li effettivament il-konvenut kien qabad Triq San Anard l-ewwel u l-attur

dahal aktar tard. L-attur jghid li f'xi hin minnhom iz-zewg karozzi kienu magenb xulxin izda t-Tribunal jidhirlu li din m'hijiex verosimili.

Huwa iktar verosimili li l-konvenut kien qieghed isuq f'nofs il-karreggjata tieghu u stante li din hija wiesa' ta' *circa* tmien metri, l-attur zbaljatament haseb li l-konvenut jew sejjer jikser lejn il-lemin jew se jibqa' sejjer ghad-dritt u li b'hekk seta' jghaddi min-naha ta' gewwa tieghu. Huwa zied l-ispeed biex jaqbzu minn gewwa u kien proprju f'dak il-mument li l-konvenut kiser lejn ix-xellug tieghu, kif kellu kull dritt li jaghmel, u anki l-konvenut xehed li xeghel l-*indicators*, izda l-attur ma ndunax li sejra ssehh tali manuvra.

Tajjeb li ssir referenza ghall-Highway Code li jispecifika li bhala regola wiehed ghandu jissurpassa fuq in-naha tal-lemin.

**"Overtake on the right**
**182.** This rule does not necessarily apply in the following circumstances:
• when the driver in front has signalled his intention to turn right and you can safely overtake him on his left without inconveniencing other traffic, or when you are filtering to the left at a junction.
• in slow-moving congested traffic when vehicles in the lane on your right are moving more slowly than you are."

Jigi relevant illi stante li din hija triq li ghandha *lane* wahda, kien verament skonsiljat u mprudenti li l-attur jipprova jissurpassa min-naha ta' gewwa. Qabel ma ntenta tali manuvra, messu accerta ruhu mill-intenzjonijiet tal-karozza ta' quddiemu u f'kaz ta' dubju, jieqaf jew jistenna u mhux jaqbad u jiehu cans bhalma fil-fatt ghamel.

Fortunatament il-konsegwenzi ma kienux gravi billi ma kienx hemm passiggier fil-karozza tal-konvenut. It-Tribunal ma jsib l-ebda fattur negattiv fis-sewqan tal-konvenut.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jikkonkludi li r-responsabbilta’ unika ghall-incident ghandha tigi allokata ghas-sewqan imprudenti ta’ l-istess attur.

Ghar-rigward tal-*quantum* tad-danni, dawn m’humiex ikkontestati u konsegwentament it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jiddikjara li l-kollizjoni in kwistjoni sehhet unikament tort ta’ l-attur u konsegwentament jikkundanna lill-istess attur ihallas lill-konvenut is-somma ta’ mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250) bl-ispejjez kemm tat-Talba kif ukoll tal-Kontro-Talba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------